# IL-PJAN TAL-LEZZJONI - UNIT 1.5

Kap: Alla ħalaq kollox tajjeb u sabiħ.

Il-Lezzjoni:1.5 L-istorja tal-ħolqien

L-Għanijiet:



L-istudenti:

1. Jitgħallmu l-istorja tal-ħolqien.
2. Jaraw kif Alla ħalaq id-dinja u l-elementi li hemm fiha.
3. Jitgħallmu li l-istorja tal-Ħolqien qiegħda fil-Bibbja.

Ir-riżorsi għal-lezzjoni:



- Bibbja għat-Tfal
- stampi tal-affarijiet li ħalaq Alla (ppt 1.4 - Alla ħalaq id-dinja)
- vidjow: *The Creation story - 'God created the world'*
- http://www.youtube.com/watch?v=0oR1v0DpTcs
- Il-Karta ta' Taħriġ Addizzjonali ċ

**Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu**



❖ Uri l-Bibbja u spjega li f'dan il-ktieb oħxon insibu stejjer sbieħ dwar Alla. Għid li llum se taqra l-ewwel storja tal-Bibbja li hija storja antika ħafna. Din l-istorja tgħidilna kif Alla ħalaq id-dinja.

**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**



❖ Irrakkonta jew aqra mill-Bibbja l-istorja ta' kif Alla ħalaq id-dinja:

*Ħafna żmien ilu ma kienx hemm dinja, la nies, la xemx u lanqas stilel. Alla biss kien jeżisti. Allura Alla għamel id-dawl u d-dlam, u lid-dawl semmieh nhar filwaqt li d-dlam semmih lejl. Għaddiet l-ewwel ġurnata. Imbagħad fit-tieni ġurnata Alla għamel is-sema, is-sħab u d-dinja.*

*Fit-tielet ġurnata Alla, imbagħad, kesa parti mid-dinja bil-baħar u parti oħra bl-art. L-art kienet niexfa u vojta u b'hekk Alla għamel il-ħaxix, is-siġar u l-pjanti biex jikbru fuq din l-art u ra li dawn ikollhom iż-żerriegħa biex pjanti oħrajn jikbru.*

*Fir-raba' ġurnata Alla ħalaq ix-xemx, il-qamar u l-istilel biex jagħmel is-sema sabiħa filgħodu u billejl.*

*Alla ħalaq il-kreaturi tal-baħar fil-ħames ġurnata. Għamel il-ħut iż-żgħar u l-ħut il-kbar.*

*Fis-sitt ġurnata Alla ħalaq l-għasafar biex itiru fis-sema u l-annimali biex jgħixu fuq l-art. Fl-aħħar ħalaq il-mara u r-raġel. L-ewwel raġel Alla semmieh Adam u semma lil mara Eva. Dawn kienu jgħixu fi ġnien sabiħ ħafna.*

*Id-dinja kienet sabiħa ħafna u Alla bierek lil dan ix-xogħol li Hu għamel. Fl-aħħar Alla straħ.*

- Staqsi lit-tfal biex isemmu l-affarijiet li ħalaq Alla - ix-xemx, il-baħar, is-siġar, il-fjuri, annimali differenti, eċċ.
- Uri stampi ta' dawn l-affarijiet (ppt 1.5 - Alla ħalaq id-dinja). Imbagħad semmi dawn l-affarijiet waħda waħda u staqsi lit-tfal biex jimitawhom kif iridu huma.

- Aqsam lit-tfal fi gruppi għal kull parti mill-ħolqien li ssemmiet fl-istorja eżempju: xi ħadd jagħmel bħax-xemx, filwaqt li xi tfal oħra jimitaw lil xi annimali, eċċ. Malli tkun tajt parti lit-tfal kollha, erġa' ibda l-istorja mill-bidu u fejn it-tfal jisimgħu il-karattru tagħhom imsemmi jiċċaqalqu skont dak li hu meħtieġ minnhom.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. L-istorja tal-Ħolqien insibuha fil-Bibbja.
2. Alla ħalaq is-sema u l-art u dak kollu li hemm fiha.
3. Alla ħalaq dan kollu għaliex huwa Missierna u iħobbna.
4. Ngħidu 'Grazzi!' lil Alla li ħalaq dan kollu għalina.

**Nagħżlu flimkien (Attitude)**

Niftakru li Alla huwa l-ħallieq tad-dinja.
Huwa ħalaq id-dinja għaliex iħobbna.




**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

**Uri vidjow**: *The Creation story - 'God created the world'*
http://www.youtube.com/watch?v=0oR1v0DpTcs



**Nitolbu**



Alla ħalaqni.
Alla jħobbni.
Alla ħalaq l-affarijiet ta' madwari.
Grazzi Alla ta' dak kollu li tajtni.
Jien nħobbok ħafna.
Ammen!